# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 341/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Anthony Zammit**
**Michael Zammit**

Illum 20 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellati **Anthony Zammit** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 8757(G) u **Michael Zammit** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 64051(G) akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'isimhom proprju kif ukoll bħala Diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Salvu Zammit & Sons Limited:

1. fit-30.07.2010, wara ntervent u tfittxija li saret mill-Uffiċjali tad-Dwana fil-fond Zammit Service Station ta' 16, Shore Str., Mġarr, Għawdex, u sussegwentement fuq il-*bowser* bin-numru tar-reġistrazzjoni IBA 663, li kien fl-istess Station, proprjeta' ta' Anthony Zammit fuq imsemmi, instab li, xjentament, kellhom fil-pussess u taħt il-kontroll tagħhom, u/jew kif ukoll kontra l-liġi laqgħu għandhom, żammew jew kellhom b'xi mod x'jaqsmu fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depożt ta' 22,150 litru gasoil illi fuqu ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa, u dan, bil-ħsieb biex xjentament issir evażjoni jew tentattiv ta' evazjoni ta' Dazju u t-Taxxa li jkunu jmisshom jinġabru fuqu, u/jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan il-gasoil:

   (i) <u>Gasoil misjub fil-fond 16, Shore Str., Mġarr, Għawdex - 21,130 litru</u>
   Valur €11,2781.56
   Dazju tas-Sisa €7,446.21
   Taxxa fuq il-Valur Miżjud €3,370.46

   (ii) <u>Gasoil misjub fuq il-*bowser* IBA 663 – 1,020 litru li kien fil-fond 16, Shore Str., Mġarr, Gozo</u>
   Valur €544.45
   Dazju tas-Sisa €359.45
   Taxxa fuq il-Valur Miżjud €162.70

2. fl-istess data, post u ċirkostanzi, kontra l-liġi, meta ma kellhomx l-awtorizzazzjoni meħtieġa tal-Kontrollur, xjentement ippermettew il-ftuħ u l-użu tal-fond, fejn instab dan il-gasoil fuq imsemmi u ċioè 16, Shore Str., Mġarr, Għawdex, bħala Maħżen tas-Sisa ta' prodotti tal-Enerġija li fuqhom ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa;

3. fit-30.07.2010 u/jew f'xi data qabel, xjentement ippermettew it-trasferiment ta' 1020 litru gasoil bla Dazju, fuq imsemmija, minn fuq il-b*owser* KBB 298 għal fuq *bowser* IBA 663 fejn liema trasferiment ta' gasoil ma kienx kopert bid-dokument tad-Dwana Internal Administrative Accompanying Document

(IAAD), kif ukoll naqsu li jimmarkaw b'mod permanenti. fuq dawn il-*bowsers*, il-kliem ta' Kulur aħmar "DUTY FREE";

4. fil-31.07.2010 u/jew f'xi dati wara, xjentement issottomettew u/jew ippermettew li tiġi sottomessa informazzjoni f'tagħrif lill-Kontrollur li b'xi mod kienu foloz f'dettal sostanzjali, fis-sens illi d-dikjarazzjoni sottomessa lill-Awtoritajiet tad-Dwana li 25,000 litru gasoil ġew trasferiti mill-*bowser* KBB 298 għal fuq il-bastiment MT (*Barge*) BAWA 1, ma kinitx korretta, meta fil-fatt dan l-istess *bowser* kif ukoll parti sostanzjali minn dan il-gasoil u ċioè 22,150 litru gasoil kienu taħt il-kustodja tad-Dwana fit-30.07.2010

   Valur €13,344.25
   Dazju tas-Sisa €8,810.00
   Taxxa fuq il-Valur Miżjud €3,987.77;

5. fit-30.07.2010, kontra l-liġi u mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kontrollur, bil-ħsieb illi bil-qerq seta' jinħarab milli jitħallas id-dazju u/jew xi xorta ta' taxxa oħra dovuta, kif ukoll xi liġi jew limitazzjoni tad-Dwana fuq dan il-gasoil, xjentement iddisponew minn 1480 litru kif deskritt hawn taħt:

   (i) Comino Boat – 600 litru
   (ii) Cisju Azzopardi – 880 litru

   (i) Valur €320.26
   Dazju tas-Sisa €211.44
   Taxxa fuq il-Valur Miżjud €95.71

   (ii) Valur €469.72
   Dazju tas-Sisa €310.11
   Taxxa fuq il-Valur Miżjud €140.37

6. fit-30.07.2010, <u>Michael Zammit waħdu</u>, fixkel l-Uffiċjali tad-Dwana, fl-esekuzzjoni tad-dmirijiethom, kif ukoll naqas li jagħti lill-istess uffiċjali kull informazzjoni meħtieġa fir-rigward ta' kif iddispona minn 1370 litru gasoil:

Valur €731.26
Dazju tas-Sisa €482.79
Taxxa fuq il-Valur Miżjud €218.53;

Dan bi ksur tal-Artikoli:

(i) 60(e), 62(e)(f)(g)(h)(i)(j)(k)(m), 68(1) u 69(1)(2) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta);

(ii) ukoll Artikoli 9(1)(2), 9(3)(a), 13(3)(4), 16(1)(i)(j)(k)(n), 17(1)(a)(b)(c), 17(2), 23(b) kif ukoll tar-Regolamenti 4(1), 12(3)(b) tat-Taqsima A fis-Sitt Skeda, u 11(1)(2)(3), 29(1) tat-Taqsima D fis-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Lulju 2017, fejn l-Ewwel Qorti ma sabitx lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom u lliberathom.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-28 ta' Lulju 2017 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-appellati mit-tieni (2) imputazzjoni, filwaqt illi tħassarha fil-parti fejn illiberathom mill-ewwel (1), mit-tielet (3), mir-raba' (4) u mill-ħames (5) imputazzjoni u lliberat ukoll lil Michael Zammit mis-sitt (6) imputazzjoni dedotta kontrih u minflok issibhom ħatja tagħhom skont il-liġi u tinfliġġi piena li hija fil-parametri tal-liġi rilevanti u adegwata għaċ-ċirkostanzi odjerni kif ukoll li tordna l-konfiska tal-proprjeta' 16, Shore Street, Mġarr, Għawdex, il-konfiska tal-ħamest elef Euro (€5,000) li jirrappreżentaw u jissostitwixxu l-bowser IBA 663 u tas-sitt elef Euro (€6,000) li jirrappreżentaw u jissostitwixxu l-bowser KBB 298 u kif ukoll il-konfiska tal-fuel kollu li ġie elevat mill-uffiċjali tad-Dwana."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom l-ebda oġġezzjoni li l-appell jiġi mismugħ minn din il-Qorti kif preseduta u dana minkejja li l-Imħallef sedenti kien il-Maġistrat li beda jisma' il-kawża li eventwalment ma ġietx deċiża minnu. Fl-istess seduta l-konsulenti legali ddikjaraw ukoll li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għall-fatti rilevanti li jirriżultaw fl-atti proċesswali. Mill-irċevuta (Dok. "JV 2" – *a fol.* 36) tal-Enemalta maħruġa fid-29 ta' Lulju 2010 is-soċjeta' Salvu Zammit & Sons Ltd xtrat mingħand l-Enemalta ħamsa u għoxrin elf (25,000) litru gasoil bir-*red marker* u ħamest elef (5,000) litru bin-*national marker*. Din il-provvista ta' gasoil tgħabbiet fuq il-*bowser* bin-numru ta' reġistrazzjoni KBB 298.

Illi fit-30 ta' Lulju 2010 impjegati tad-Dwana ġew ordnati sabiex jagħmlu spezzjoni fuq dan il-gasoil li ġie mixtri. Mir-rapporti (Dok. "JV 1" – *a fol.* 33 *et seq.*) jirriżulta li mit-tank C/S 012 kien hemm 8,100 litru, mit-tank C/S020 kien hemm 9,000 litru, u mit-tank CS011 kien hemm 6,700 litru. Mit-tank S/T/C jirriżulta 3,825 litru *fuel* waqt li mill-*bowser* bin-numru ta' reġistrazzjoni IBA 663 irriżultaw 1,020 litri. B'kollox għalhekk dak inhar instabu 28,645 litru *fuel*. Jirriżulta li fl-istess jum tat-30 ta' Lulju 2010 is-soċjeta' Salvu Zammit & Sons Ltd kienet biegħet 600 litru lil Comino Boat

(*a fol.* 38) u 880 litru li ċertu Cisju Azzopardi (*a fol.* 39) b'hekk il-*fuel* kollu kien dak ta' 30,125 litru. L-impjegati tad-Dwana ssiġillaw it-tankijiet u l-*bowser*s u saru testijiet fuq il-kampjuni li ttieħdu u eventwalment ittieħdu proċeduri kriminali kontra ż-żewġ appellati.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant Avukat Ġenerali, wara li jagħmel il-preliminari li soltu jinstabu f'Rikors tal-appell, jagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u mbagħad jsemmi x'inhuma l-elementi tar-reat u wara jirreferi għal konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-imputazzjonijiet li tagħhom kien qed isir l-appell u jagħlaq billi jisħaq li tenut kont tal-provi kollha prodotti l-ewwel, it-tielet, ir-raba, il-ħames u s-sitt imputazzjoni fil-konfront tal-appellati ġew sodisfaċentement pruvati.

Illi din il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-imputazzjonijiet li bihom l-appellati ġew akkużati quddiem l-Ewwel Qorti, u dana fid-dawl tal-aggravji msemmija mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu, għajr għat-tieni imputazzjoni li minnha l-appellati ġew liberati u li l-Avukat Ġenerali talab li tiġi konfermata din il-liberazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq, fost l-oħrajn, fuq is-segwenti:

- il-*bowser* bin-numru ta' reġistrazzjoni IBA 663 suppost li kellu fuqu tabella bil-kliem "DUTY FREE" minflok il-kliem "DUTY PAID";

- minkejja li l-iSpettur tad-Dwana talab ripetutament jekk kienx hemm *reservoirs* u/jew tankijiet oħra fejn jinħażen il-gasoil, l-appellat Michael Zammit dejjem irrisponda fin-negattiv;

- minkejja li l-appellat Michael Zammit kien ikkonferma li l-gasoil kien ġie trasferit f'tankijiet oħra kif ukoll fil-*bowser* bin-

numru ta' reġistrazzjoni IBA 663 huwa naqas milli jagħti d-dokumentazzjoni rikjesta;

- il-*fuel* li nbiegħ lil Cisju Azzopardi u lil *Comino Boats* seta' biss jintuża' għal vapuri li ser jitilqu barra minn Malta jew inkella lill-bastimenti tas-sajd;

- skont kif xehed Albert Xerri, f'Għawdex ma kienx hemm suq għal *fuel* li nxtara;

- l-għada li l-uffiċjali tad-Dwana għamlu s-siġilli, l-appellati ddikjaraw li l-istess gasoil ġie trasferit fuq barkun;

- l-Ewwel Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni Artikolu 18 ta' Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar l-<u>ewwel imputazzjoni</u> l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta li minkejja li l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet li l-appellati ma nfurmawx id-Dwana biċ-ċaqlieq tal-*fuel*, hija kienet tal-fehma li dan ma sarx bl-intenzjoni li jevadu t-taxxa. Jilmenta li din l-intenzjoni tirriżulta mill-fatti.

Illi din il-Qorti jirriżultalha li l-fond fejn kien qed jinżamm il-gasoil kien reġistrat bħala *tax warehouse certificate*. Jidher li l-ilment primarju sollevat mill-appellant rigward dan kien li meta sar it-trasferiment ma ntlewx id-dokumenti neċessarji. Fir-rigward tal-bejgħ tal-gasoil lil Cisju Azzopardi u Comino Boats, ġie dikjarat minn rappreżentanti tad-Dwana, b'mod partikolari l-Assistent Direttur Albert Xerri (*a fol.* 104 *et seq.*) li l-*fuel* seta' jintuża biss fuq il-baħar. Xerri xehed hekk (*a fol.* 106):

> "Dan it-tip ta' diesel jintuża biss għall-vapuri, jistgħu jeħduh *duty free.* Jintuża biss fuq il-baħar u jintuża biss għal vapuri li ser jitilqu 'l barra minn Malta, jew inkella tas-sajd – però dak hemm min għandu permessi għas-sajd

> taħt il-kontroll tad-Direttur tas-Sajd – dik għandhom ... u hemm ħaddieħor li jista' jtihom."

Illi għalhekk huwa ċar li minbarra li l-*fuel* in kwistjoni seta' jinbiegħ lill-bastimenti li kienu ser jivvjaġġaw barra minn Malta, huwa seta' jinbiegħ lill-bastimenti tas-sajd. Fis-sottomissjonijiet (*a fol.* 382 *et seq.*), l-appellant jgħid li dan il-*fuel* seta' jinbiegħ ukoll lil Gozo Channel. Minkejja dan, il-Qorti tinnota li Albert Xerri xehed li l-Gozo Channel tieħu *rebate* (*a fol.* 107). In vista ta' dan, din il-Qorti tirreferi għar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta u jidher li l-vapuri tal-Gozo Channel ma jħallsux *excise duty*. B'hekk il-Qorti ser tistrieħ ma' dak li l-appellant jgħid fis-sottomissjonijiet tiegħu dwar dan il-punt.

Illi dan jassumi ċerta importanza meta wieħed jikkunsidra li l-appellati jgħidu li huma kellhom il-kuntratt tal-*fuel* tal-Gozo Channel. Dan ma ġiex kontradett mill-appellant u jxejjen xi ftit l-argument imsemmi fir-Rikors tal-appell li ma kienx hemm suq f'Għawdex għal dan it-tip ta' *fuel*.

Illi jibqa' biex jiġi indirizzat jekk il-bejgħ li sar kienx jaqa' taħt il-kategorija l-oħra li kienet permessa u ċioè l-bastimenti tas-sajd. Huwa paċifiku li l-obbligu tal-prova taqa' fuq il-Prosekuzzjoni u, mingħajr tlaqlieq ta' xejn, il-Qorti tinnota li f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ftit għamlet sforz biex tressaq prova dwar xi *fuel* ingħata lill-persuni ndikati u ċioè lil Comino Boats u lil Cisju Azzopardi. Lanqas id-depożizzjoni ta' Jesmond Vella (*a fol.* 27 *et seq.*) ma titfa dawl fuq din il-kwistjoni anzi din il-Qorti tikkunsidra li meta in kontro-eżami saritlu d-domanda kemm kien hemm *fuel* aħmar u *fuel* ċar, huwa ħarab milli jwieġeb. Anke jekk din il-Qorti taċċetta b'ċertu xettiċiżmu li ma kienx magħruf min kien Cisju Azzopardi, l-istess ma jistax jingħad dwar il-Comino Boats u faċilment seta' wieħed jieħu kampjun tal-*fuel* ta' dawn id-dgħajjes. Fl-aħħar mill-aħħar dawn xtraw mijiet ta' litri li minn natura tal-ammont jieħdu ż-żmien sabiex jiġu kkunsmati.

Illi anqas sar sforz li jiġi ppruvat jekk dawn it-tnejn humiex fir-Reġistru tad-Direttur tas-Sajd. F'dan ir-rigward issir riferenza

għal Leġislazzjoni Sussidjarja 425.07 tal-Liġijiet ta' Malta kif kienet fis-seħħ dak inhar meta nqalgħet il-kwistjoni u b'mod partikolari Regolament 3(d) li kien jirregola r-reġistrazzjoni tal-bastimenti tas-sajd li kien jaqra hekk:

> "Dawn il-bastimenti jistgħu jintużaw temporanjament għal xi skop ieħor jekk issir talba lid-Direttur u din tiġi milqugħa."

Illi dan ifisser li fiż-żmien meta sar il-bejgħ, b'differenza mil-lum, ma kienx hemm obbligu li vapur irreġistrat taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja hawn fuq indikata kellu jintuża bil-fors għas-sajd. Lanqas ma ġie ppruvat mill-Prosekuzzjoni jekk l-entitajiet jew il-persuni li xtraw il-*fuel* kienux irreġistrati taħt ir-Reġistru msemmi. Dan huwa fatt li faċilment seta' jiġi ndirizzat.

Illi b'hekk il-Qorti hija tal-fehma li ma hemmx prova ta' x'tip ta' *fuel* inbiegħ lil Comino Boats u lil Cisju Azzopardi. Minbarra dan, hemm id-dubju raġonevoli li meta sar il-bejgħ dawn setgħu legalment jixtru l-*fuel* l-aħmar. B'hekk il-Prosekuzzjoni naqset tipprova li kien hemm intenzjoni qarrieqa fil-bejgħ tal-gasoil u l-Ewwel Qorti għamlet sew li tillibera lill-appellati mill-ewwel imputazzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tat-<u>tielet imputazzjoni</u> l-appellant Avukat Ġenerali jressaq l-aggravju li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza l-obbligi mposti fuq nies li huma fin-negozju tal-appellati b'dana illi huwa importanti li l-*Internal Administrative Accompanying Document* (IAAD) kellu jintmela' minnufih. L-appellant jilmenta li nuqqas ieħor kien li t-tabella kienet tindika "DUTY PAID" minflok "DUTY FREE".

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għal Regolament 29(1) ta' Taqsima D tas-Sitt Skeda tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "29. (1) Skont ma l-Kummissarju jkun jista' jeħtieġ, dawn il-mezzi tat-trasport għandhom jiġu mmarkati b'mod permanenti u li jidher ċar b'tabella bil-kliem, ta' kulur aħmar, ''DUTY FREE''. Din it-tabella għandha tkun ta' daqs mhux inqas minn 820 millimetru b'240 millimetru."

Illi fid-depożizzjoni mogħtija minn Jesmond Vella (*a fol.* 27 *et seq.*) jingħad li fuq il-*bowser* bin-numru ta' reġistrazzjoni IBA 663 kien hemm tabella bil-kliem "DUTY PAID". Apparti li din il-Qorti tinnota li setgħet tinġieb prova aħjar ta' dan, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad minnha aktar 'il fuq fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, b'mod partikolari (pero' mhux limitatament) fejn ingħad li ma teżistiex prova ta' x'tip ta' *fuel* kien, b'dan illi tapplika l-istess raġunamenti għall-imputazzjoni in eżami. L-istess japplika fir-rigward tal-parti l-oħra tal-aggravju dwar in-nuqqas li jintmela' l-*Internal Administrative Accompanying Document* fejn din il-Qorti tirreferi għal Regolament 12(3) ta' Taqsima A tas-Sitt Skeda ta' Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-ġarr tali kollu ta' oġġetti għad-dazju tas-sisa mingħajr il-ħlas tad-dazju huwa, kemm il-darba l-Kummissarju ma jippermettiex mod ieħor, suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:
>
> [...]
>
> (b) l-oġġetti għandhom ikollhom magħhom id-Dokument Amministrattiv Intern Mehmuż (DAIM) kif speċifikat fl-Anness għal dawn ir-regolamenti, iffirmat minn min jikkonsenja u approvat mill-Kummissarju, li għandu jispeċifika l-post minn fejn mibgħuta u l-post għalih konsenjat u l-kwantita' u d-deskrizzjoni tal-oġġetti."

Illi tenut kont ta' dak li ġie osservat aktar 'il fuq f'din is-sentenza kif ukoll ta' dak li ngħad mill-Ewwel Qorti, għamlet sew l-Ewwel

Qorti li ma sabitx ħtija fl-appellati fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tar-raba' imputazzjoni l-appellant Avukat Ġenerali jagħmel riferenza b'mod partikolari għal dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija minn Chris Cini. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, jirriżulta li l-Ewwel Qorti emmnet lil Chris Cini meta qal li kien ta d-dikjarazzjoni in kwistjoni bi żball. Din il-Qorti tikkunsidra li l-iżball kien tant evidenti li qajla wieħed jista' jara li kien hemm xi intenzjoni ħażina. B'hekk il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha f'din l-imputazzjoni u konsegwentement il-Qorti ser tiċħad l-aggravju fir-rigward tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ħames imputazzjoni hija dik f'liema l-appellati ġew akkużati li bil-ħsieb li jinħarab milli jitħallas d-dazju u/jew xi xorta ta' taxxa oħra fuq il-gasoil, xjentement iddisponew minn 1480 litru lil Comino Boat u lil Cisju Azzopardi. Din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar din l-imputazzjoni għajr li tagħmel riferenza għal dak li ngħad aktar 'il fuq dwar din il-kwistjoni u tapplikah għal din l-imputazzjoni wkoll b'dan illi l-imputazzjoni li sar użu ħażin tal-*gasoil duty free* mhijiex ippruvata u għalhekk kienet korretta l-Ewwel Qorti li lliberat lill-appellati mill-ħames imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tas-sitt imputazzjoni l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta li l-Ewwel Qorti kellha ssib ksur tal-liġi fl-appellat Michael Zammit talli huwa fixkel l-Uffiċjali tad-Dwana fl-eżekuzzjoni ta' dmirijiethom kif ukoll talli naqas li jagħti lill-uffiċjali kull informazzjoni meħtieġa fir-rigward ta' kif iddispona minn 1,370 litru gasoil. Dwar din l-imputazzjoni, il-Qorti tara li

ma għandhiex għalfejn tiddisturba l-apprezzament tal-fatti dwarha u kif esposti mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha u dan meta l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għal dak li qal Jesmond Vella meta rrakkonta x'ġara waqt l-ispezzjoni. Il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti meta qalet li dak li rriżulta jista' jagħti indikazzjoni ta' aġir suspettuż ta' persuna li għandha x'taħbi pero' ma jammontax għal tfixkil fil-ħidma tal-uffiċjali tad-Dwana. Għaldaqstant kienet korretta l-Ewwel Qorti meta ma sabitx lill-appellat Michael Zammit ħati tas-sitt imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellati u li dwarhom kien hemm appell mill-appellant Avukat Ġenerali, din il-Qorti rriżultalha li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma sabitx lill-appellati ħatja tagħhom.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**